# Il-Festa tal-Lunzjata fi tfuliti

Alfred Massa



Iż-żmien jgħaddi u jġib miegħu tibdil f'kull qasam tal-ħajja. Dan japplika wkoll għall-festa tagħna. Minnu li miniex ser nirrakkonta ħwejjeġ li ħadd ma jiftakarhom, min-naħa l-oħra, iżda, ċertament, li hawn fostna min għalihom dawn il-ħwejjeġ huma ġodda għal kollox. F'din il-Kitba, jien se mmur lura madwar ħamsin sena u nipprova niftakar kif kienet tkun iċċelebrata l-festa titulari tagħna t-Tarxiniżi. Anzi, nibda biex ngħid, li dak iż-żmien bosta toroq kienu jinġabru minn nies apposta, ġeneralment, kull nhar ta' Ħadd filgħodu. Jien kont wieħed mill-kolletturi, peress li missieri kien jieħu ħsieb l-armar tal-festa ta' Vjal Simmons. Kelli speċi ta' kaxxa tal-landa b'santa tal-Lunzjata fuqha, u wara li missieri derrieni ndur u nħabbat bieb, bieb bl-għajta: "Għal-Lunzjata!" aktar tard, dan ix-xogħol kont nagħmlu waħdi.

Irrid ngħid ukoll, li dak iż-żmien kull nhar ta' Sibt u nhar ta' Ħadd, uħud mid-dilettanti kienu jinġabru ġewwa l-**Mitħna** fi Triq Betta. Hemm, barra milli kien isir xogħol ta' manutenzjoni ta' kolonni, statwi, pilandri u x'naf jien, oħrajn kienu jaħdmu l-liedna; filwaqt li aħna t-tfal konna nisimgħu b'attenzjoni lill-kbar jirrakkuntaw xi ġrajjiet imgħoddija marbutin mal-festa. Naturalment, aktar ma x-xhur kienu jgerbu, aktar kien jibda jiżdied l-entużjażmu. Għalkemm lili kienu aktar jinteressawni ċ-ċelebrazzjonijiet ta' ġo l-knisja; b'danakollu, nistqarr li kont insegwi b'ċertu żelu l-armar tat-toroq u sadattant nitlob ħerqan biex fil-ġranet tal-festa t-temp ma jaħqarniex.

## Ċelebrazzjonijiet ta' ġewwa

Fi tfuliti flok in-*Novena* kienet issir is-*Settena*; jiġifieri minflok disat ijiem kienu jsiru sebgħa qabel il-festa. Sa minn wara San Girgor is-sagristan kien jibda t-tfarfir tal-knisja kollha kemm hi. Imbagħad ħmistax qabel kienu jinħaslu l-altari kollha u jibdew jintramaw. Il-maġġoranza tax-xogħol kien isir mis-sagristan, iżda l-altari tar-Rużarju, tad-Duttrina, taċ-Ċintura u tal-Kunċizzjoni kienu jieħdu ħsiebhom il-fratellanzi. Per eżempju, niftakar lil missieri flimkien ma' Ġużeppi Farrugia jieħdu ħsieb l-altar tal-Kunċizzjoni, Salvu Camilleri taċ-Ċintura, il-familji Bonello u Piscopo (ta' Santu) tar-Rużarju u Mattew Agius u l-familja Agius (tad-Dajda) tad-Duttrina. L-altar maġġur kien jintrama l-Ġimgħa ta' qabel il-festa u kien jieħu nofs ta' nhar sħiħ; u dan meta t-tużell, id-damask u l-linef kienu jkunu diġa` f'posthom! L-ewwel kien jinħasel, u wara jibda l-armar tiegħu. Diversi nies kont tarahom iħarsu lejn ix-xama' u jagħtu l-fehma tagħhom kinux dritti jew le. Wara kienu jitpoġġew l-appostli, il-fjuretti, il-ventaltar u t-trieħi. Kont napprezza ħafna lil Dun Mikiel Vella, il-prokuratur; kull sena preżenti jgħasses biex kollox isir bil-galbu u bl-attenzjoni. Niftakar darba tgħidx kemm għajjat miegħi għax qbadt il-puġija b'idi; riedni naqbadha bid-*duster*! Imma hekk għandhom isiru l-affarijiet biex jibqgħu għal żmien twil.

Il-kappillan, Dun Nikol Aquilina, kien raġel twajjeb. Barra minn hekk, kien dedikat għall-missjoni li kellu afdata f'idejh. Imma dwar l- armar qajla kien iħabbel rasu. Peress li kellu persuna sabiħa, kont tieħu gost tarah lejlet il-festa wara nofsinhar ġej il-knisja liebes is-suttana, il-faxxa ma' qaddu, iż-żarbun bil-bokkli tal-fidda, b'rużetta ħadra f'sebgħu tal-lemin u b'kappell f'rasu bi ġmiemen vjola

jgħajtu. Kien iżejjen triq minn fejn jgħaddi. L-istess ilbies kien jilbsu nhar il-festa. Dak iż-żmien ma kienx isir quddies wara nofsinhar. Għalhekk, il-quddies tan-*Novena* kien ikun fil-għodu; jekk niftakar sew fis-6.00 am. Wara nofsinhar, kienet titkanta l-*Compieta*, u ssir il-priedka minn predikatur famuż li s-sena ta' wara aktarx kien jagħmel il-paneġierku. Imbagħad kienet tingħad il-Kurunella miktuba minn Mons. Dun Luduvik Mifsud Tomasi fl-1874 u bejn strofa u oħra jitkanta l-Innu *Ave Maris Stella.* Iċ-ċelebrant kien jintona s-*Salve*, titkanta l-antifona u fl-aħħar tingħata l-Barka Sagramentali.

Il-Mużika kienet tkun taħt id-direzzjoni tas-surmast Joseph Casapinta, mhux biss fin-*Novena*, imma wkoll lejlet u nhar il-festa. Kellu Quddiesa verament sabiħa li għad hawn min għandu *recording* tagħha; jien wieħed minnhom. Meta siefer lejn il-Kanada, ħafna kienu dawk li bkew it-telfa tiegħu!

Il-funzjonijiet tal-festa ħafna drabi kienu jitmexxew minn xi Monsinjur. Għax bosta Tarxiniżi kienu jgħidu li festa bla mitra tkun nieqsa minn xi ħaġa. U l-kappillan kien jikkuntentahom. Kif għedna, Dun Nikol kien raġel twajjeb (għalkemm kemmxejn nervuż) u fejn seta' dejjem għamel` ħiltu biex jara lill-parruċċani kuntenti. Dak iż-żmien ir-raħal ma kienx nieqes mis-saċerdoti. Kellna lil Dun Mikiel, lill-Kan. Dun Ġużepp Gonzi, lill-Mons. Ġużeppi Schembri, lil Dun Anton Zammit u lil Dun Karm Sant. Barra dan, fil-jiem tal-festa kienu jiġu xi erba' saċerdoti minn Għawdex. Dawn kienu jiġu s-Sibt filgħodu u jmorru lura t-Tnejn. Naħseb l-akbar biċċa wġigħ ta' ras li kellu l-kappillan kienet fid-dħul tal-purċissjoni. It-Tarxiniżi kellhom drawwa li din ma tidħolx qabel l-10.00pm. Darba Dun Nikol mar jipprova jmexxihom u sab ruħu maqtugħ mill-art u mbuttat 'il bogħod mill-vara. Meta daħlet il-purċissjoni xi nies daħlu jilmentaw miegħu fis-sagristija u kellha anki tissejjaħ il-pulizija.

## Festa ta' barra

L-armar ta' barra ma kienx voluminuż bħalma hu llum. Ħafna toroq kienu jintramaw bil-liedna, b'kolonni bil-qsari u b'pavaljuni. Forsi għax peress li l-festa kienet tkun iċċelebrata fit-tielet Ħadd wara l-Għid, mhux l-ewwel darba li l-armar kien jieħu xi ħasla ilma. Allura, l-ħajra ta' ħafna armar ma tantx kienet teżisti. Kif għedt fil-bidu, ċerti toroq kienu jkunu afdati f'idejn individwi li kienu jieħdu ħsieb jarmawhom u jżarmawhom. Triq San Ġużepp kienet waħda minnhom. Din kienet f'idejn Karmenu Mercieca (id-Dandu) u ċertu Karmenu mlaqqam il-"Korsu". Imma kemm fil-Lunzjata kif ukoll fil-Qalb ta' Ġesu` din it-triq kienet tkun fost l-isbaħ fir-raħal.

L-aktar marċ għal qalb it-Tarxiniżi kien dak tal-banda tagħna li kien isir il-Ġimgħa, magħruf bħala l-"Marċ ta' l-Anġlu"! Dan kien jiġbed numru kbir ta' nies ta' kull eta`. Is-Sibt l-istess banda kienet tagħmel marċ u wara programm quddiem il-knisja. Il-Ħadd kienu jiġu mistiedna tliet baned barranin; waħda ddoqq quddiem il-knisja, oħra quddiem Villa Le Fevre u oħra fil-bidu ta' Triq il-Palma. Il-briju kien jintrefa' għad-dħul tal-purċissjoni. Xi wħud kienu jmorru l-knisja, jieħdu bukketti minn dawk ta' quddiem l-istatwa u jmorru jxejruhom quddiem il-Lunzjata. Dan il-briju kien jibda minn ħdejn il-Villa Cecy u jibqa' sejjer sa fuq iz-zuntier. Għajat, ċapċip, kant u x'naf jien. Uħud kienu jkunu fis-sakra u b'hekk il-ħmerijiet li kienu jsiru xejn ma kienu denn ta' nies devoti bis-serjeta` tal-Madonna. Xi ħadd darba qalli li kienet diffiċli għall-kappillan li jsib Monsinjuri biex jieħdu sehem fil-purċissjoni minħabba dak l-atteġġjament. Rigward il-logħob tan-nar dejjem konna moderati; speċjalment fejn kien jidħol in-nar ta' l-ajru. Għan-nar ta' l-art niftakar lil Leli Ellul magħruf bħala "Iż-Żurrieqi" li kien kapaċissmu f'din il-linja. Niftakar ukoll lil ċertu Nardu minn Ħal Kirkop li kien aktar mixħut fuq in-nar ta' l-ajru.

## Għeluq

Fis-sewwa kollha għandi aktar memorji dwar il-Festa ta' tfuliti, imma ġa ħadt ħafna spazju. Nixtieq nagħmel osservazzjoni qabel nagħlaq. Ir-raħal dejjem kellna nies li jħobbu l-festa bis-serjeta` u kienu jaħdmu għaliha s-sena kollha. Dawn kienu diversi. Ma nissugrax insemmi ismijiet għax nibża' li nħalli lil xi ħadd barra. Dawn għandhom ikunu ta' eżempju għalina. Niftakru fihom f'dawn il-jiem u nitolbu għal ruħhom. Fl-istess waqt nimitaw l-eżempju tagħhom u nipprovaw inrawmu żgħażagħ li jħobbu kemm lil raħal twelidna u kemm lil Ommna Marija. Għax wara kollox, dan hu l-iskop ewlieni tal-festa: li nżirgħu l-imħabba lejn Marija Annunzjata u lejn xulxin matul il-jiem kollha tas-sena.